## Tal-Ġenna s-Sellum (Introjtu)

**Rit**

**F'dawn l-erbgħin jum ta' tħejjija**

**Qalbna mimlija trid tkun**

**B'imħabba u mogħdrija**

**Dawn tal-Ġenna s-sellum**

Ħennu bħal Missierna

Kunu bħar-Ragħaj Ħanin

Li tal-mitlufa,

dawwar id-destin **Rit**

Aħfru bħal Missierna

Kunu bħall-Missier

Li lil Ibnu l-ħali,

Laqa' midneb bħali **Rit**

Aqdu bħal Missierna

Kunu s-Samaritan

Li lil għadu,

tah il-fejqan **Rit**

Ħobbu bħal Missierna

Kunu bhal Ġesu

Li fuq is-salib

Tana, ħajja mill-ġdid **Rit**

## MULEJ NOFFRU DAN (Offertorju)

**Rit**

**Għal dawn il-ġranet tar-Randan**

**Lilek għażiż Mulej noffru dan (x2)**

Noffru Mulej t-talb tagħna

O' Missier ħanin ismagħna

Noffru Mulej is-sawm tagħna

Inpattu għad-dnubiet tagħna **Rit**

Noffru l-karita tagħna

Il-foqra huma dejjem magħna

Dawn it-tlett kolonni

Fuqhom nibnu l -fidi tagħna **Rit**

## Batejt u Ħabbejt (Tqarbin)

**Rit:**

**O Ġesu batejt tbatija fuq it-tbatijiet**

**O Ġesu ħabbejt b'imħabba fuq l-imħabbiet**

Bdejt il-passjoni fil-ġnien taż-Żebbuġ

Dlonk ħassejtek imbeżża u mifluġ **Rit**

L-appostli malajr qabadhom in-ngħas

Waqt li ruħek bid-dieqa bdiet tintrass. **Rit**

Bewsa falza għażlu huma biex ċaħduk
Bi tletin biċċa tal-fidda huma ħaduk. **Rit**

Is-suldati ħarxa huma arrestawk
Il-poplu għal-mewt ikkundannak **Rit**

Kuruna qegħdu fuq rasek tax-xewk.
Lagħbu x-xorti għal ħwejġek u neżżewk. **Rit**

Fiss, ma' kolonna kiesħa rabtuk.
B'disgħa u tletin daqqa huma sawtuk. **Rit**

Ħaddant mat-triq, it-toqol tas-salib.
Fuq il-Golgota Inti ħlistna mit-tiġrib. **Rit**

Idejk u saqajk bl-imsiemer huma nifduk.
B'hekk huma ħasbu li kienu se jkissruk.

## Pass Pass Inkomplu t-Triq (Fl-aħħar)

**Rit:** Pass Pass Inkomplu t-Triq
Ninbidel għall-aħjar nixtieq
Pass Pass Inkomplu t-Triq
Ninbidel għall-aħjar nixtieq

Flimkien nibqgħu mexjin
Penitenza noffri kuljum
Għall-konverżjoni resqin
Bidla żgħira le ma ddumx **Rit**

Ġesu hemm jistenniena
Kollu mħabba u ħniena
B'dirgħajh miftuħin fil-ġenna
B'paċi u ferħ huwa jimliena **Rit**

Pass Pass nibqgħu mexjin
Pass Pass inkomplu t-triq
Għal konverżjoni resqin
Ninbidel għall-aħjar nixtieq **Rit**